32004D0898

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2004

li temenda d-Deċiżjoni 2003/828/KE dwar iċ-ċaqlieq ta' l-annimali minn u ġewwa żona ristretta fi Spanja u l-Portugall, fir-rigward tat-tifqigħ tal-*bluetongue* fi Spanja.

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 5212)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/898/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-kontroll u l-qerda tal-*bluetongue* ([1]), u b' mod partikolari fl-Artikolu 8(2)d, u l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/762/KE ([2]) emendat id-Deċiżjoni 2003/828/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza marbuta mal-*bluetongue* ([3]) billi stabbiliet żona ristretta (żona F) li tikkorrispondi għas-sitwazzjoni tal-*bluetongue* li hemm fi Spanja.

(2) Data ġdida epidjomoloġika, ekoloġika, u ġeografika tippermetti l-esklużjoni ta' ċerti reġjuni Spanjoli minn din iż-żona ristretta.

(3) Il-miżuri previsti f' din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 2003/828/KE hija emendata kif ġej:

F' Anness I, iż-żona F tinbidel b' dan li ġej:

"Żona F

SPANJA:

— Il-Provinċja ta' Cádiz, Málaga, Sevilla, Huelva, Córdoba, Jaén, Cáceres, Badajoz,

— Il-Provinċja ta' Jaen (ir-reġjuni ta' Jaen u Andujar)

— Il-provinċja ta' Toledo (ir-reġjuni ta' Oropesa, Talavera de la Reina, Belvis de Jara u Los Navalmorales,)

— Il-provinċja ta' Ciudad Real ((ir-reġjuni ta' Horcajo de los Montes, Piedrabuena, Almadén u Almodóvar del Campo).

IL-PORTUGALL:

— Direzzjoni Reġjonali tal-Agrikoltura ta' l-Alentejo: *concelhos* ta' Niza, Castelo de Vide, Marvão, Ponte de Sôr, Crato, Portalegre, Alter-do-Chão, Avis, Mora, Sousel, Fronteira, Monforte, Arronches, Campo Maior, Elvas, Arraiolos, Estremoz, Borba, Vila Viçosa, Alandroal, Redondo, Évora, Portel, Reguengos de Monsaraz, Mourão, Moura, Barrancos; Mértola, Serpa, Beja, Vidigueira, Ferreira do Alentejo, Cuba, Alvito, Viana, Montemor-o-Novo, Vendas Novas, Alcácer do Sal (Minn naħa tal-punent tal-A2, il-*freguesias* ta' Santa Susana, Santiago u Torrão) Gavião (*feguesias* u Gavião, Atalaia, Margem u Comenda);

([1]) ĠU L 327, tat-22.12.2000, p. 74.

([2]) ĠU L 337, tat-13.11.2004, p. 70.

([3]) ĠU L 311, tas-27.11.2003, p. 41. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/550/KE (ĠU L 244, tas-16.7.2004, p. 51).

— Direzzjoni Reġjonali tal-Agrikoltura tar-Ribatejo e Oeste: *concelhos* ta' Montijo (*freguesias* ta' Canha, S. Isidoro de Pegões u Pegões), Coruche, Salvaterra de Magos, Almeirim, Alpiarça, Chamusca, (*freguesias* ta' Pinheiro Grande, Chamusca, Ulme, Vale de Cavalos, Chouto u Parreira), Constância (*freguesia* ta' Sta Margarida de Coutada), Abrantes (*freguesias* ta' Tramagal, S. Miguel do Rio Torto, Rossio ao Sul do Tejo, Pego, Concovoadas, Alvega, S. Facundo, Vale das Mós u Bemposta),"

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni tibda tapplika minn 27 ta' Diċembru 2004 [daħħal 3 ijiem wara d-data ta' pubblikazzjoni fil-ĠU].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-23 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni